**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Spettur Elliot Magro)**
**Vs**
**Anton (Anton-Charles) Cutajar**

**Illum, it-28 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Anton (Anton-Charles) Cutajar**, iben Joseph u Jane nee' Farrugia, imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Settembru 1976, residenti fil-fond 'L-Arka ta' Noe', Triq Bur ix-Xewk, Siggiewi u detentur tal-karta ta' l-identita' 0476076(M), akkuzat talli nhar it-18 ta' Jannar 2019 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Kiser kondizzjonijiet tal-licenzja li jinfurzaw il-htigijiet tar-Regolament 3 tal-L.S. 439.08 u dan bi ksur tar-regolament 4(3) tal-L.S. 439.08 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez maghmula mis-servizzi veterinarji bhala rizultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess mahrug taht il-L.S. 439.08 u l-konfiska, zamma u tnehhija tal-corpus delicti skont ir-Regolamenti 6(2) tal-L.S. 439.08 tal-Ligijiet ta' Malta.